**5.6 Aħna kapaċi naħfru.**

Hi ħaġa sabiħa u jixtieqha kulħadd li nkunu dejjem ħbieb ma' kulħadd! Imma mhux dejjem faċli tifhem u taċċetta lil kulħadd. Spiss inweġġgħu u nonqsu lil xulxin, kultant bi żball u kultant apposta. Il-Lhud ta' qabel ma għex Ġesù u dawk li kienu jgħixu fi żmienu stess kienu jonqsu lil Alla b'mod jew ieħor. Insibu, per eżempju, il-Lhud fid-deżert, lil David, lil Pietru, lil Marija Madalena, lill-ħalliel it-tajjeb, u lil San Pawl, fost l-oħrajn. Dawn b'ħafna modi għamlu ta' rashom u nfirdu minn Alla. Id-dnub kisser ir-relazzjoni tagħhom ma' Alla. Imma kull meta b'xi mod jew ieħor talbu *maħfra* sabu li Alla kien jistennihom u reġa laqagħhom għandu b'imħabba kbira.